32004D0929

31.12.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 396/49

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-22 ta' Diċembru 2004

## li twassal għall-adozzjoni ta' ko-effiċjenti korretturi applikabbli mill-1 ta' Frar, l-1 ta' Marzu, l-1 t'April, l-1 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2004 għar-rimunerazzjonijiet ta' l-impjegati, l-aġenti b'kuntratt u l-aġenti temporanji tal-Komunitajiet Ewropej assenjati f'pajjiżi terzi kif ukoll għal parti mill-impjegati li se jżommu l-pożizzjoni tagħhom fl-għaxar Stati Membri ġodda matul perijodu massimu ta' ħmistax-il xahar wara l-adeżjoni

(2004/929/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

wara li kkunsidrat l-Istatut ta' l-impjegati tal-Komunitajiet Ewropej u s-sistema applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet, stipulati bir-Regolament (KEE, Euratom, ECSC) Nru 259/68 ([1]), u notevolment l-Artikolu 13, it-Tieni Inċiż, ta' l-Anness X tiegħu,

wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni ta' l-għaxar Stati Membri, u notevolment l-Artikolu 33(4) tiegħu,

billi:

(1) Permezz tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1785/2004 ([2]) tal-Kunsill kienu ffissati, għall-aħħar darba u b'konformità ma' l-Istatut preċedenti, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 13, l-Ewwel Inċiż, ta' l-Anness X ta' l-imsemmi Statut, il-ko-effiċjenti korretturi li bihom huma milquta, mill-1 ta' Jannar 2004, ir-rimunerazzjonijiet imħallsa, bil-munita tal-pajjiż fejn huma assenjati, lill-impjegati tal-Komunitajiet Ewropej assenjati f'pajjiżi terzi.

(2) Hu meħtieġ li jkunu adattati, b'konformità ma' l-Artikolu 13, it-Tieni Inċiż, ta' l-Anness X ta' l-Istatut, mill- 1 ta' Frar, l-1 ta' Marzu, l-1 t'April, l-1 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2004, uħud minn dawn il-ko-effiċjenti korretturi, immedjatament, wara li jkunu kunsidrati l-informazzjonijiet statistiċi fil-pussess tal-Kummissjoni, id-differenza ta' l-għoli tal-ħajja, kalkulata skond il-ko-effiċjent korrettur u r-rata ta' kambju li tikkorrispondi, li turi lilha nfisha, għal ċerti pajjiżi terzi, superjuri għal 5 % mill-aħħar arranġament jew addattament,

IDDEĊIDIET

*Artikolu uniku*

B'effett mill-1 ta' Frar, l-1 ta' Marzu, l-1 ta' April, l-1 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2004, il-ko-effiċjenti korretturi, applikabbli għar-rimunerazzjonijiet ta' l-impjegati, l-aġenti b'kuntratt u l-aġenti temporanji tal-Komunitajiet Ewropej assenjati f'pajjiżi terzi kif ukoll parti mill-impjegati li se jżommu l-pożizzjoni tagħhom fl-għaxar Stati Membri ġodda matul perjodu massimu ta' ħmistax-il xahar wara l-adeżjoni, imħallsa bil-munita tal-pajjiż fejn huma assenjati, huma adattati bħalma hu indikat fl-Anness.

Ir-rati wżati tal-kambju għall-kalkolu ta' dawn ir-rimunerazzjonijiet huma stabbiliti b'konformità mal-klawsoli ta' tħaddim tar-Regolament finanzjarju u jikkorrispondu mad-data indikata fl-Ewwel Inċiż.

Magħmula fi Brussell, fit-22 ta' Diċembru 2004.

*Mill-Kummissjoni*

Benita FERRERO-WALDNER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 56 ta' l-4.03.1968, p. 1. Regolament emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 857/2004 (ĠU L 161 tat-30.4.2004, p. 11).

([2]) ĠU L 317 tas-16.10.2004, p. 1.

*ANNESS*

| Lokalitajiet ta' assenjazzjoni | Ko-effiċjenti korretturi<br>Frar 2004 |
|---|---|
| Ir-Repubblika Dominikana | 33,1 |
| Is-Surinam | 49,3 |
| Iż-Żimbabwe | 31,9 |

| Lokalitajiet ta' assenjazzjoni | Ko-effiċjenti korretturi<br>Marzu 2004 |
|---|---|
| Ir-Repubblika Dominikana | 38,9 |
| Iż-Żimbabwe | 33,5 |

| Lokalitajiet ta' assenjazzjoni | Ko-effiċjenti korretturi<br>April 2004 |
|---|---|
| Ir-Repubblika Dominikana | 43,8 |
| Sierra Leone | 65,6 |
| Iż-Żimbabwe | 38,7 |

| Lokalitajiet ta' assenjazzjoni | Ko-effiċjenti korretturi<br>Mejju 2004 |
|---|---|
| Ġeorġja | 87,4 |
| Il-Malawi | 71,6 |
| Ir-Repubblika Dominikana | 48,6 |
| Iż-Żimbabwe | 42,9 |

| Lokalitajiet ta' assenjazzjoni | Ko-effiċjenti korretturi<br>Ġunju 2004 |
|---|---|
| Il-Kazakstan | 94,0 |
| Ir-Repubblika Dominikana | 46,4 |
| Sierra Leone | 71,0 |
| Iż-Żimbabwe | 44,7 |